# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

## S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMHALLEF JOSEPH R. MICALLEF
## ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 20 ta' Lulju 2020**

**Numru 10**

**Rikors numru 104/12 JZM**

**Peter Gatt bhala mandatarju specjali ghan-nom u in rapprezentanza tal-assenti Michael Moreland**

**v.**

**Mark Schembri u martu Rita Schembri u Vella Group Limited (C 22149)**

**Il-Qorti:**

1. Rat li dan hu appell minn digriet moghti mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-31 ta' Ottubru, 2019, li in forza tieghu cahdet it-talba tal-konvenuti konjugi Schembri, kif dedotta fir-rikors taghhom tal-10 ta' Lulju, 2019, sabiex jissejjah fil-kawza l-perit Arkitett u Inginier Civili David Xuereb f'ismu proprju u f'isem id-ditta professjonali ta' Arkitetti, Inginieri Civili u Structural Consultants, David Xuereb and Associates u dan a tenur ta'

dak provdut fl-Artikolu 961 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta).

2. L-ewwel Qorti bbazat id-decizjoni taghha fuq is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Fis-sentenza taghha tal-14 ta` Lulju 1997 fil-kawza "Cremona Barbaro vs Cilia Vincenti et" li kienet deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta, inghad hekk –
>
> > "*L-istitut tal-kjamat fil-kawza ... jaqdi diversi funzjonijiet procedurali principalment : (a) dik li jintegra gudizzju fejn ikun hemm diversi konvenuti li jkollhom jigu mharrka u xi whud minnhom jithallew barra ; u (b) dik li jissalvagwardja d-drittijiet ta' min ikun indirettament interessat fl-ewwel azzjoni gudizzjarja u li aktarx iggib warajha azzjoni ohra bhala konsegwenza taghha. Dan il-principju regolatur gie interpretat b`mod aktar wiesgha fuq konsiderazzjonijiet ta` ekonomija ta' gudizzju u utilitajiet procedurali ohra – ara fost ohrajn – App. Civ. Inf. Stepton vs Spiteri, 23/11/1988, Vol.XVI.117 ; Cassar Desain utrinque 25/6/45, Vol.XXXII.272 ; Barbara vs Mallia, 22/10/56, Vol.XL.264.*
>
> "Il-konvenuti konjugi Schembri qeghdin jitolbu l-kjamata fil-kawza tal-Perit David Xuereb pro et noe abbazi tal-kostatazzjonijiet u konkluzjonijiet tal-periti teknici addizzjonali.
>
> "Il-binarji tal-kawza huma mpostati mill-attur. Dment li l-attur ikun issoddisfa dak li jitlob minnu l-Art. 156 tal-Kap. 12, il-kawza timxi fuq id-direzzjoni prefissa mill-attur. Ikunx harrek tajjeb lill-persuni li jkun indika bhala kontradittur tieghu, jew jirnexxielux jiskarika l-piz tal-prova sal-grad rikjest mil-ligi huma konsiderazzjonijiet li tkun trid taghmel il-qorti meta finalment tigi biex taghti d-decizjoni taghha. L-azzjoni attrici hija l-*actio aquiliana.* L-attur ghazel li jindirizza l-azzjoni kontra l-konvenuti konjugi Schembri u kontra l-kumpannija Vella Group Limited.
>
> "Dan premess, il-Qorti rat ir-rapporti teknici kollha li jaghmlu parti mill-atti tal-kawza, inkluz il-kostatazzjonijiet u l-konkluzjonijiet tal-periti teknici addizzjonali, u ma tasalx biex tistabilixxi li legalment jissussisti r-rekwizit tal-"interess" li ghalih jirreferi l-Art 961 tal-Kap 12 sabiex tkun tista` ssejjah fil-kawza lill-Perit David Xuereb pro et noe.
>
> "Jekk kjamat fil-kawza jkun ammess f`kawza jsir konvenut u allura jkollu jedd *jipprezenta skritturi u eccezzjonijiet u jkollu l-beneficcji kollha ta' konvenut u jista` jigi kundannat jew liberat mit-talba daqs kieku l-kawza kienet proposta kontra tieghu* ("Chapelle Paleologo vs Alamango" – Appell Civili – 17 ta` Mejju 1963 – Vol.XLVII.I.271).
>
> "Ghalkemm huwa minnu li l-Art. 961 tal-Kap. 12 jippermetti li tintalab il-kjamata fil-kawza fi kwalunkwe stadju tal-kawza, ir-rekwizit tal-"interess" tal-persuna li taghha tkun qeghda tintalab il-kjamata fil-kawza tibqa`essenzjali.

> "Ghalkemm huwa minnu li l-kjamata fil-kawza, dment li jkun sodisfatt ir-rekwizit ta` l-"interess", in linea ta` principju, jagevola l-ekonomija tal-gudizzju, fl-istess waqt huwa principju ta` portata kostituzzjonali u konvenzjonali li persuna li tkun parti jew li ssir parti f`kawza ghandha dritt tistenna li kawza tkun deciza fi zmien ragjonevoli, liema dritt jaghmel parti integrali mid-dritt aktar wiesa` ghal smigh xieraq.
>
> "Fil-kaz tal-lum il-qorti tqis li, anke li kieku kien jissussisti r-rekwizit tal-"interess", li l-qorti tishaq li ma jirrizultax, is-sejha fil-kawza kif mitluba fil-kaz tal-lum x`aktarx tkun tikkozza mal-jedd tal-partijiet l-ohra, specjalment tal-attur, ghal smigh xieraq.
>
> "Tajjeb jinghad ukoll li meta tigi biex tipprovdi dwar talba ghall-kjamata fil-kawza, fejn allura persuna terza tiddahhal f`kawza li tkun ghaddejja bejn persuni ohra, il-qorti ghandha tuza kawtela u cirkospezzjoni fis-sens li ghandha tkun previdenti li tanticipa kif se tiddefendi ruhha fil-kawza dik il-persuna.
>
> "Tishaq li jkun ghal kollox inutili li persuna tigi kjamata f`kawza, u allura ssir konvenuta, meta *prima facie* l-azzjoni kontra taghha tkun preskritta, kif *prima facie* jidher li huwa l-kaz tal-lum, ghaliex billi l-attur b`ebda mod ma addossa *culpa aquiliana* lill-Perit David Xuereb pro et noe, la ghamel kawza kontra tieghu, u lanqas pprezenta att gudizzjarju kontra tieghu sabiex jinterrompi l-preskrizzjoni. Ghalhekk certament safejn tolqot l-istitur tal-azzjoni, u cioe` l-attur, il-kjamata fil-kawza tkun ghal kollox inutili. Fil-kaz ta` l-konvenuti konjugi Schembri, jekk jidhrilhom li ghandhom pretensjoni x`jiddeducu kontra l-Perit David Xuereb pro et noe, allura r-rimedju taghhom m`ghandux ikun li jitolbu li jissejjah fil-kawza odjerna izda li, jekk jidhrilhom, jipprocedu kontra tieghu *per via di azione* separata minn din tal-lum".

3. Rat li l-konvenuti konjugi Schembri appellaw minn dak id-digriet u ghar-ragunijiet minnhom imsemmija fir-rikors tal-appell taghhom, talbu lil din il-Qorti thassar u tirrevoka d-digriet moghti fil-miftuh mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-31 ta' Ottubru, 2019, kwantu dan cahad it-talba ghas-sejha fil-kawza tal-Arkitett u Inginier Civili David Xuereb f'ismu proprju u f'isem id-ditta professjonali ta' Arkitetti, Inginieri Civili u Structural Consultants, David Xuereb and Associates u takkolji t-talba ghas-sejha fil-kawza kontenuta fir-rikors tal-konvenuti appellanti tal-10 ta' Lulju, 2019. Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur nomine.

4. Rat ir-risposta tal-appellat attur nomine li permezz taghha u ghar-ragunijiet hemm imsemmija talab li din il-Qorti ghandha tichad l-appell interpost peress li t-talba ghall-kjamat in kawza fil-kaz in ezami ma sservi tal-ebda utilità u hija intiza semplicement sabiex ittawwal il-proceduri inutilment. Bl-ispejjez tal-appell interpost kontra l-konvenuti appellanti.

5. Semghet lid-difensuri tal-partijiet jitrattaw l-appell in ezami.

6. Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

7. Illi l-azzjoni attrici hija wahda ta' danni kawzati fil-proprjetà tieghu, konsegwenza ta' xoghlijiet imwettqa mill-konvenuti konjugi Schembri, bhala sidien ta' proprjetà kontigwa ghal dik tal-attur nomine, liema xoghlijiet kienu qeghdin jitwettqu mis-socjetà konvenuta Vella Group Limited, fuq inkarigu tal-istess konjugi Schembri. L-attur nomine jikkontendi li l-hsara fl-istess proprjetà giet ikkawzata bi htija u responsabbilità tal-konvenuti jew min minnhom minhabba traskuragni, negligenza, imperizja u nuqqas ta' osservanza tal-ligijiet u regolament vigenti. Kwindi ntalbet dikjarazzjoni ta' responsabbilità ghad-danni kkawzati, likwidazzjoni u kundanna ta' hlas ta' danni fil-konfront tal-konvenuti jew min minnhom solidalment jew mod iehor, sabiex ihallsu lill-attur id-danni hekk likwidati.

8. Il-konvenuti konjugi Schembri hassewhom aggravati bid-decizjoni tal-ewwel Qorti li tichad it-talba taghhom li jissejhu fil-kawza l-perit David Xuereb f'ismu proprju u f'isem id-ditta professjonali ta' Arkitetti, Inginieri Civili u Structural Consultants, David Xuereb and Associates, li kien inkarigat minnhom, peress li jikkontendu li, fil-kors tax-xhieda in eskussjoni tal-periti addizzjonali mahtura mill-ewwel Qorti, gie indikat b'mod car, il-probabbilità u l-possibbilità li l-istess perit inkarigat minnhom kien jahti u ghalhekk jista' jkun direttament responsabbli ghall-hsarat reklamati mill-attur. L-aggravji elenkati mill-konvenuti appellanti f'dan ir-rigward huma diversi li ser jigu trattati serjatim, bl-istess referenza adottata mill-konvenuti appellanti.

9. L-ewwel punt huwa li (a) l-istitut tal-kjamat fil-kawza jaqdi diversi funzjonijiet procedurali, fosthom dak principali li jintegra l-gudizzju fejn ikun hemm diversi konvenuti li jkollhom jigu mharrka u xi whud minnhom jithallew barra u dak li jissalvagwardja d-drittijiet ta' min ikun indirettament interessat fl-ewwel azzjoni gudizzjarja u li aktarx iggib warajha azzjoni ohra bhala konsegwenza taghha. L-appellanti jikkontendu li s-sejha fil-kawza mitluba minnhom taqdi proprju l-imsemmija funzjoni procedurali.

10. Fir-rigward ta' dan l-ewwel punt imsemmi mill-konvenuti appellanti, ghandu jinghad mal-ewwel li, huwa minnu li l-Artikolu 961 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, jaghti s-setgha lill-Qorti li ssejjah fil-kawza terza persuna,

sabiex il-gudizzju jkun integru fejn ikun hemm diversi konvenuti li jkollhom jigu mharrka u xi whud minnhom jithallew barra. Hekk per ezempju, nghad minn din il-Qorti (Sede Inferjuri) fis-sentenza taghha tat-18 ta' Mejju, 1995, fil-kawza fl-ismijiet **Lawrence Farrugia v. Joseph Fava** Kollez. Vol. LXXIX.II.1110):

> *"l-istitut tal-kjamata in kawza huwa essenzjalment wiehed diskrezzjonali ghalkemm wiehed jistenna illi ghandu jkun ibbazat ukoll fuq il-logika. Effettivament, dan l-istitut gie mahluq kemm ghal skopijiet ta' ekonomija tal-gudizzju, kif ukoll ghal skopijiet ta' integrita` ta' gudizzju;*
>
> "*F'dan il-kaz partikolari, prima facie wiehed facli hafna jaqa' fit-tentazzjoni li jikkonkludi illi dan kien kaz tipiku fejn kellha ssir il-kjamat fil-kawza minghajr ebda diffikultà …*
>
> "*In verità, però, hemm aktar minn hekk, fis-sens illi l-istitut tal-kjamat fil-kawza ma jistax jigi applikat, m'ghandux ikun hemm rikors ghalih, fil-kazijiet fejn il-gudizzju jkun diga' integru bil-prezenza fil-kawza tal-konvenut u fejn ir-responsabbilita` tal-konvenut vis-à-vis l-attur hija indubitata indipendentement minn x'relazzjonijiet jista' jkollu hu ma' haddiehor, li kwantu jirrigwarda l-attur jibqa' terz, forsi interessat, li pero` mieghu ma jkunx hemm relazzjoni guridika".*

Ghalhekk, issa, jehtieg li jigi ezaminat minn din il-Qorti r-ragunament maghmul mill-ewwel Qorti sabiex jigi determinat jekk id-decizjoni taghha hix wahda logika fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz. Kwindi jehtieg li jigu ezaminati l-punti l-ohra mqanqla mill-konvenuti appellanti sabiex jigi determinat dan il-kwezit tal-gudizzju integru.

11. It-tieni punt imqanqal mill-konvenuti appellanti huwa li (b) l-konvenuti appellanti jishqu li l-periti addizzjonali stqarrew b'mod inekwivoku li r-responsabbilitajiet ghall-atti li kienu l-kawza u r-rizultat tal-

hsarat li sehhew fil-proprjetà tal-attur nomine kienu tal-perit inkarigat mill-konvenuti appellanti. Dan ifisser li s-sejha tal-imsemmi perit u d-ditta ta' periti rapprezentata minnu, barra li tirreintegra l-gudizzju, kawza tal-fatt li l-attur naqas li jharrek lill-perit responsabbli ghall-progett, tissalvagwardja d-drittijiet ta' dak indirettament interessat, f'dan il-kaz il-perit u d-ditta ta' periti rapprezentata minnu. Jinhass opportun li dan il-punt jigi trattat flimkien mar-raba' wiehed, inkwantu jinhass li huma strettament marbuta ma' xulxin, fejn jinghad mill-appellanti li (d) l-ewwel Qorti stqarret li minn ezami tar-rapporti teknici tal-periti kollha mahtura, ma waslitx sabiex tistabilixxi li legalment jissussisti r-rekwizit tal-interess guridiku mehtieg ghall-gustifikazzjoni tas-sejha fil-kawza minghajr ma specifikat ir-raguni ghala dan ir-rekwizit huwa nieqes. Dan in-nuqqas procedurali tal-ewwel Qorti jinghad li jxejjen id-dritt effikaci u effettiv ghall-appell mid-decizjoni tal-ewwel Qorti;

12. Tajjeb jigi ribadit li l-azzjoni attrici hija wahda akwiljana sabiex il-konvenuti appellanti, bhala sidien tal-proprjetà u l-kuntrattur li kien qieghed jezegwixxi x-xoghlijiet ta' skavar, jinzammu responsabbli ghall-hsarat kkagunati fil-proprjetà tal-attur nomine. Mill-mod kif inhu formulat ir-rikors tal-konvenuti quddiem il-Prim'Awla tal-10 ta' Lulju, 2019, li bih talbu l-kjamat fil-kawza, kif ukoll ir-rikors tal-appell, fil-fehma ta' din il-Qorti, l-iskop wara t-talba ghall-kjamat fil-kawza aktar milli ghall-integrazzjoni tal-gudizzju, fil-verità huwa aktar wiehed sabiex jigu

salvagwardjati l-interessi tal-konvenuti ghal ragunijiet ta' espedjenza. Madankollu, jigi nnotat ukoll li s-socjetà konvenuta Vella Group Limited fid-difiza taghha eccepiet fost affarijiet ohra li, x-xoghlijiet imwettqa minnha kienu saru taht is-sorveljanza tal-perit inkarigat mill-konvenuti konjugi Schembri, u li kwalunkwè hsara li sofra l-attur hija mputabbli biss lill-konvenuti Schembri u/jew in-nies minnhom inkarigati u/jew il-Perit taghhom. Filwaqt li sa mis-seduta tat-22 ta' Ottubru, 2013, quddiem il-perit tekniku, jirrizulta li l-konvenuta Rita Schembri xehdet in kontro-ezami li f'Jannar/Frar tas-sena 2011 kienu qabbdu perit iehor sabiex jiehu hsieb il-bini tal-villa taghhom minflok il-perit Xuereb, wara li f'Ottubru 2010, tilfu l-fiducja fil-perit Xuereb meta sehhew il-hsarat fil-fond tal-attur nomine. Jekk il-konvenuti appellanti kellhom kull interess li jiddefendu l-jeddijiet taghhom kontra terzi, u naqsu li jaghmlu dan, ma jistghux jippretendu li tkun il-Qorti li thares l-interessi taghhom. Huwa veru wkoll li l-Qorti ghandha d-dritt li hija stess tordna l-kjamata fil-kawza, izda tali dritt ma jistax jitqies li jimponi xi obbligu fuq il-Qorti li thares hi l-interessi tal-kontendenti fil-kawza. (Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti tal-4 ta' Dicembru, 1998, fil-kawza fl-ismijiet **Emanuel Abela v. Perit Arkitett Fred Valentino et**. Kollez. Vol. LXXXII.II.1202)

13. Kwindi kien manifestament fl-interess tal-konvenuti konjugi Schembri, li wara kollox kellhom relazzjoni guridika mal-perit David Xuereb, li jitolbu l-kjamata fil-kawza tal-perit Xuereb u tad-ditta tal-periti

rapprezentata minnu. Huwa veru li l-Perit Xuereb xehed ukoll f'din il-kawza. Madankollu, irid jigi mistharreg l-element ta' interess fil-qafas tal-istitut tal-imsejjah fil-kawza. Fir-rigward tal-interess mehtieg sabiex persuna tissejjah fil-kawza, jrid jintwera li dik il-persuna ghandha interess guridiku attwali fil-mertu tal-kawza. L-istitut tas-sejha fil-kawza jissejjes fuq il-principju baziku ta' interess tal-parti li toqghod f'gudizzju. Il-livell tal-interess tal-imsejjah fil-kawza ghandu jkun ta' livell bhal dak imfisser minn hafna sentenzi tal-Qrati taghna, bhala l-interess guridiku li ghandu jkollha parti fil-kawza. Fil-kaz in ezami, dan l-interess li jrid jintwera ghandu jkun l-istess interess bhal dak tal-konvenuti. Fis-sentenza ta' din il-Qorti tas-27 ta` Jannar, 1997, fil-kawza **Anthony Azzopardi et v. Calcedonio sive Donald Attard et** (Kollez. Vol. LXXXII.II.217) inghad hekk:

> "***Il-kjamata in kawza hija kostitwita mill-interess tal-persuna li tkun u malli jigi rikonoxxut dan l-interess, il-Qorti ghandha d-dover li tordnah***.
>
> "*L-interess mehtieg biex jiggustifika dan il-provvediment huwa dak stess li huwa rikjest bil-ligi biex tigi proposta azzjoni jew biex tista` tigi opposta kontestazzjoni. Imma dan l-interess jista` jkun anke l-komunjoni tal-kontroversja fis-sens li l-kjamat fil-kawza, minghajr ma jigi kundannat jew liberat, ikun jista` jizviluppa r-ragunijiet tieghu favur jew kontra l-attur".*

(Ara f'dan is-sens ukoll is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza taghha tad-29 ta' Ottubru, 1935 fil-kawza **Maria Concetta Libreri v. Edgar Staines noe,** Kollez. Vol. XXIX.II.706).

14. Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, ghalkemm l-ewwel Qorti ghamlet referenza ghar-rapporti teknici kollha li jaghmlu parti mill-atti tal-kawza, inkluz il-kostatazzjonijiet u l-konkluzjonijiet tal-periti teknici addizzjonali, sabiex qalet li ma waslitx li tistabilixxi li jissussisti r-rekwizit tal-"interess" sabiex ikun jista' jissejjah fil-kawza l-perit David Xuereb *pro et noe*, din il-Qorti, tabilhaqq issib tali ragunament bhala pjuttost limitat. Kunsidrat li l-konvenuti appellanti jikkontendu li mir-rapport tal-periti addizzjonali jirrizulta mod iehor, din il-Qorti rat ir-rapport kemm tal-ewwel perit tekniku, kif ukoll ir-relazzjoni tal-periti addizzjonali sabiex tkun tista' hija stess tivverifika jekk il-konkluzjoni tal-ewwel Qorti hiex wahda logika fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz.

15. Minghajr ma tidhol fil-mertu li ghad irid jigi determinat mill-ewwel Qorti, din il-Qorti ser telenka xi whud mill-konkluzjonijiet li fil-fehma taghha jimmeritaw approfondiment ulterjuri da parti tal-ewwel Qorti fil-kuntest tat-talba li saritilha ghas-sejha fil-kawza. Mill-konkluzjonijiet tal-perit Alan Saliba jirrizulta li f'paragrafu 5.04, fost affarijiet ohra jinghad: "*il-hajt ta' lqugh bil-blokok tal-konkos ikkollassa wara li ma felahx ghall-pressa kif kien intenzjonat minhabba nuqqasijiet fid-disinn tal-istess hajt ta' lqugh*…". Hekk ukoll mir-relazzjoni tal-periti addizzjonali fejn inghad:

> "*11.07 Illi l-bidla fid-density tal-izvilupp u kostruzzjoni aktar massiva, b'hafna skavar ta' basements ecc, tal-fondi li nbnew wara, gab <u>il-bzonn ta' mizuri strutturali aktar sofistikati</u> biex jilqghu dawn il-htigijiet fosthom l-uzu ta' piled foundations u platforms li qabel ma kienx hemm lok ghalihom u lanqas ma kienu metodi komuni ta' kostruzzjoni.*

> "*11.08. Illi fl-istess zona mhux l-ewwel darba li meta beda zvilupp gdid hdejn villa mibnija fil-fazi originali, inqalghu l-problemi. Ghaldaqstant <u>il-konvenuti jew</u> <u>il-konsulenti taghhom</u>, kienu konsapevoli ta' dan l-istat ta' fatt u kellhom jiehdu l-mizuri preventivi kollha*".

16. In eskussjoni, b'referenza ghas-siltiet appena sottolinejati minn din il-Qorti, il-periti addizzjonali kienu mistoqsija min kien jipproponi l-mizuri sofistikati, il-perit tekniku addizzjonali Godwin Abela wiegeb, li jkun il-perit jew l-inginier strutturali li jipproponihom u li normalment l-ewwel konsulent huwa l-perit. Kwindi, minghajr ma tidhol fil-mertu tar-responsabbilità ghall-akkadut li ghad irid jigi determinat mill-ewwel Qorti, *prima facie* jidher li l-konvenuti appellanti ghandhom ragun fis-sottomissjoni taghhom li l-perit Xuereb *proprio et noe* ghandhom interess fl-ezitu ta' din il-kawza u kif osservat qabel, ladarba jirrizulta l-interess, id-dover tal-Qorti huwa li tilqa' t-talba ghas-sejha fil-kawza. Fic-cirkostanzi allura, din il-Qorti ma tistax taccetta li l-perit Xuereb *proprio et noe* huma kompletament estranji ghall-mertu in ezami u tqis li ghandhom interess guridiku li jkunu parti fil-kawza.

17. Dan jinghad ukoll fuq is-sahha ta' dak li nghad minn din il-Qorti fis-sentenza taghha tas-6 ta' Ottubru, 2000, fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Cassar v. George Pace pro et nomine**:

> "*Dan però ma jfissirx illi ma kellhiex tigi ammessa l-kjamata in kawza f'dawk il-kazijiet fejn ikun jirrizulta illi l-persuna msejha, li jkun stabbilit li kellha relazzjoni guridika mal-konvenut li jitlob il-kjamata, jkollu wkoll x'jirrispondi ghat-talbiet attrici. Kien allura dan l-interess guridiku li jakkomuna lill-attur u lill-konvenut mill-kjamat fil-kawza u li f'dawn ic-cirkostanzi jillegittima t-talba ghall-kjamata fil-kawza. Dan proprju ghax*

> *f'cirkostanzi bhal dawn ikun xieraq u utili illi l-vertenza kollha tigi investigata trattata u deciza bejn il-persuni kollha li jkollhom interess guridiku fl-azzjoni kif proposta;*".

Kien f'dan l-isfond teoriku illi din il-Qorti fil-kawza **Joseph Riolo *pro et nomine* v. Carmel Muscat et** deciza fil-15 ta' Marzu, 1991 hekk irriteniet:

> *"L-istitut (tal-kjamat fil-kawza) jaqdi diversi funzjonijiet procedurali,principalment:*
>
> *"(a) dak li jintegra gudizzju fejn ikun hemm diversi konvenuti li jkollhom jigu mharrka u xi whud minnhom jithallew barra.*
>
> *"(b) Dak li jissalvagwardja d-drittijiet ta' min ikun indirettament interessat fl-ewwel azzjoni gudizzjarja u li aktarx ggib warajha azzjoni ohra bhala konsegwenza taghha……*".

Jitqies li f'dan il-kaz ukoll, is-sejha fil-kawza hija mehtiega, kemm sabiex il-gudizzju jkun integru, kif ukoll sabiex jigu salvagwardjati d-drittijiet tat-terzi.

18. Huwa minnu li kif osservat mill-attur appellat fir-risposta tieghu, li l-konvenuti appellanti talbu li ssir din is-sejha fil-kawza f'dan l-istadju inoltrat fejn il-provi tal-partijiet kienu maghluqa u l-kawza kienet differita ghall-ahhar sottomissjonijiet bil-fomm (ara verbal tal-ewwel Qorti tas-6 ta' Gunju, 2019). Izda kif jinghad fil-provvediment tal-ligi (Artikolu 961 tal-Kap. 12) s-sejha ta' terza persuna fil-kawza tista' ssir f'kull waqt tal-kawza qabel is-sentenza. Ladarba l-kawza ma kenitx imhollija ghas-sentenza t-talba fic-cirkostanzi appena spjegati ghandha tigi milqugha. Jigi pprecizat li b'danakollu bis-sejha fil-kawza, ma jfissirx li ghandu jerga' jinfetah il-gbir

tal-provi tal-attur nomine u tal-konvenuti, izda l-imsejjah fil-kawza ghandu jinghata l-opportunità li jiddefendi ruhu bhall-konvenuti l-ohra ai termini tal-Artikolu 962 tal-ligi.

19. L-attur appellat josserva li, l-istess konvenuti appellanti ressqu proceduri separati fil-konfront tas-socjetà konvenuta (Rikors Numru 366/2011MCH fil-kawza fl-ismijiet **Mark Schembri et v. Vella Group Limited**) liema kawza titratta proprju l-ilment tal-konvenuti (atturi f'dik il-kawza) li l-istess xogholijiet li saru fil-proprjetà taghhom saru hazin u mhux skont l-arti u s-sengha. Dik il-kawza wkoll ghadha pendenti u ghalhekk diga jezistu proceduri ohra sabiex jigu salvagwardjati l-interessi tal-konvenuti. Ghalkemm l-attur appellat fir-risposta tieghu, jikkontendi li l-perit Xuereb jista' facilment jissejjah fil-kawza l-ohra mressqa mill-istess konvenuti, din il-Qorti mhix ser tinoltra ruhha f'dan ir-rigward, altrimenti tkun qeghda tmur lil hinn minn dak li ghandu jigi deciz f'dan il-kaz. Jinghad biss li, f'kaz li l-konvenuti appellanti jqisu li jkun hekk opportun, huma ghandhom jinterpellaw lill-perit Xuereb u lid-ditta ta' periti rapprezentata minnu, sabiex izommuhom responsabbli ghal kwalunkwe` pregudizzju li huma jistghu jbatu konsegwenza tal-proceduri odjerni u jitolbu wkoll is-sejha fil-kawza f'dik il-kawza, jekk iqisu li huwa xieraq fl-interess taghhom.

20. Strettament din il-Qorti tista' tieqaf hawn ladarba l-aggravji tal-konvenuti appellanti jirrizultaw gustifikati. Madankollu tqis li jkun xieraq li taghmel xi osservazzjonijiet fir-rigward ta' xi punti ohra mqanqla mill-istess konvenuti appellanti. (c) L-appellanti jikkontendu li ghalkemm huwa minnu li l-binarju tal-kawza jigi mpustat mill-attur, izda huwa minnu wkoll li jekk jirrizulta b'mod car u inekwivoku li tezisti l-possibilità attwali u reali ta' kolpa u responsabbilità ta' terz li ma jkunx gie mharrek, ghall-finijiet ta' integrità, tali terz ghandu jigi msejjah fil-kawza.

21. B'zieda ma' dak li nghad taht il-paragrafi precedenti, huwa minnu li l-Qrati huma marbuta li jiddeciedu l-kawzi quddiemhom fl-ambitu tal-kawzali u tat-talbiet attrici mressqa quddiemhom, kif ukoll fi-dawl tal-eccezzjonijiet moghtija mill-konvenuti, li jfisser li fl-ghoti tas-sentenza taghha, l-Qorti trid toqghod rigorozament fil-limiti tal-kontestazzjoni. (Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti tal-14 ta' Dicembru, 2018, fil-kawza fl-ismijiet **Mark Anthony Farrugia et v. Xemxija Bay Property Holding Limited**). Fil-kaz in ezami, fil-verità, l-attur nomine ressaq il-proceduri odjerni peress li jinghad li x-xoghlijiet ta' skavar imwettqa mis-socjetà konvenuta Vella Group Limited, fil-proprjetà tal-konvenuti konjugi Schembri, saru b'negligenza, traskuragni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tal-ligi u tar-regoli vigenti. F'kaz li kellu jirrizulta li l-konvenuti jew min minnhom ma kellhomx iwiegbu ghal dawn in-nuqqasijiet kollha, jew li kien hemm xi terz li kellu jassumi parti mir-responsabbilità ghan-

nuqqasijiet lamentati mill-attur nomine, peress li l-ewwel Qorti ghad trid tiddeciedi l-mertu tal-kaz, f'kaz li tonqos milli taghmel is-sejha fil-kawza, u tikkonkludi li jew il-konvenuti jew min minnhom m'ghandhomx ghalfejn iwiegbu ghat-talbiet tal-attur nomine jew inkella li m'ghandhomx ghalfejn iwiegbu ghat-talbiet attrici wahedhom, ser ikun hemm vaku. Kwindi l-istess sejha fil-kawza tista' tkun fl-interess tal-attur appellat ukoll.

22. Punt iehor maghmul mill-konvenuti appellanti huwa li (e) l-ewwel Qorti stqarret li persuna li tkun parti jew li ssir parti f'kawza ghandha dritt tistenna li kawza tkun deciza fi zmien ragonevoli, liema dritt jaghmel parti mid-dritt aktar wiesgha ghal smigh xieraq. L-ewwel Qorti stqarret li anke kieku kien jissussisti r-rekwizit tal-interess tas-sejha fil-kawza, fil-kaz odjern tkun tikkozza mal-jedd tal-partijiet l-ohra, specjalment tal-attur ghal smigh xieraq. Il-konvenuti appellanti jishqu li, il-ligi procedurali tipprovdi li s-sejha fil-kawza tista' tintalab sa qabel ma tinghata s-sentenza u certament id-dewmien fil-kawza ma kienx rizultat tat-talba ghas-sejha fil-kawza, izda rizultat ta' ragunijiet ohra marbuta mal-andament tal-kawza. Jikkontendu li ladarba t-talba ghas-sejha fil-kawza saret fil-parametri ta' dak li tipprovdi u tippermetti l-ligi jekk jisthoqqilha, ghandha tigi akkolta.

23. Ghalkemm din il-Qorti tifhem il-frustrazzjoni tal-attur meta fir-risposta tieghu jinghad li din it-talba saret fl-istadju finali tal-proceduri u certament taqbel mieghu li l-konvenuti appellanti setghu jitolbu s-sejha fil-

kawza tal-perit inkarigat minnhom ferm qabel, ladarba huma stess kienu tterminawlu l-inkarigu tieghu, dan il-fatt fih innifsu ghandu jsib konsegwenza fil-kap tal-ispejjez. Tajjeb jinghad ukoll li d-dritt ghal smigh xieraq huwa dritt komuni ghall-kontendenti kollha fil-kawza, kwindi hekk kif l-attur ghandu dritt li l-kawza mressqa minnu tigi deciza fi zmien ragonevoli, hekk ukoll il-konvenut u t-terz li jista' jkollu interess fil-kawza, ghandhom id-dritt li jezawrixxu r-rimedji li taghtihom il-ligi. Kwindi ladarba jirrizulta r-rekwizit tal-interess kif spjegat qabel, din il-Qorti ma taqbilx li s-sejha fil-kawza tikkozza mal-jedd tal-attur ghal smigh xieraq, peress li wara kollox, huwa fl-interess tieghu wkoll li ssir is-sejha fil-kawza sabiex il-gudizzju jkun wiehed integru.

24. Inkwantu l-konvenuti appellanti jilmentaw dwar (f) il-konsiderazzjoni tal-ewwel Qorti li jkun ghal kollox inutili li persuna tissejjah fil-kawza meta *prima facie* l-azzjoni kontra taghha tkun preskritta. Jishqu li l-ewwel Qorti ma kellha qatt taghmel tali konsiderazzjoni meta quddiemha m'ghandha ebda eccezzjoni ta' preskrizzjoni ta' persuna li lanqas biss ghad ma hija parti. Kwindi tali konsiderazzjoni jsostnu li hija ghal kollox spekulattiva, li kif inhu ben not, l-ispekulazzjoni hija totalment aljena ghall-process gudizzjarju.

25. Din il-Qorti taqbel mal-appellanti wkoll fis-sens li ladarba l-ewwel Qorti ma kellha ebda eccezzjoni ta' preskrizzjoni quddiema, hija ma

kellhiex taghmel dawk il-konsiderazzjonijiet, li fic-cirkostanzi, jitqiesu tassew prematuri. Wara kollox, l-Artikolu 2111 tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta) jghid car li tali eccezzjoni ma tistax titqajjem *ex officio* mill-Qorti.

**Decide**

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet kollha, il-Qorti qeghda tilqa' l-appell imressaq mill-konvenuti appellanti konjugi Schembri u b'hekk thassar il-provvediment moghti mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-31 ta' Ottubru, 2019, li bih cahdet it-talba taghhom ghas-sejha fil-kawza. Tirrimanda l-atti lura lill-ewwel Qorti biex din, wara li tghaddi biex tilqa t-talba tal-konvenuti Schembri ghas-sejha fil-kawza, tipprocedi bis-smigh tal-kawza skont il-ligi.

Fic-cirkostanzi, tqis li l-ispejjez taz-zewg istanzi relattivi ghal dan il-provvediment, ghandhom ibaghtuhom l-appellanti konjugi Schembri *in solidum*.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imhallef | Joseph R. Micallef<br>Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb